SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2020**

Marka totali

____

20

| **Ir-raba' sena** | **MALTI FEHIM MIS-SMIGĦ** | **Ħin: Tletin minuta** |
|---|---|---|

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami għall-Istudenti

Ir-Riżorsi:

1. It-test li jinqara.
2. Il-karti tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

L-għalliema jgħidu lill-istudenti:

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser naqralek test minn storja. Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tismagħni naqra. L-istorja, flimkien mal-eżerċizzji, se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek.

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A, Taħriġ B u Taħriġ Ċ.

-------------- Waqfa ta' 25 sekonda --------------

Issa se tinqara l-istorja. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

# Rigal mingħand ir-re

Meta lil ċerti nies jgħidulhom biex jagħmlu xi ħaġa jew jagħtu xi servizz, tismagħhom jgħidulek: "Għandi ħafna x'nagħmel!" jew "Din mhix biċċa tiegħi." Dawn in-nies ikunu jew għażżenin jew egoisti.

Ir-re ta' post fl-Indja, kien imxebba' min-nies tiegħu. Kienu saru tant għażżenin li ma riedu jagħmlu xejn għalihom. Stennew li jagħmlilhom kollox il-gvern. Ir-re ddeċieda li jagħtihom lezzjoni. Ikkmanda biex billejl iqiegħdu ġebla kbira f'nofs it-triq.

L-għada filgħodu, għadda minn hemm raġel bil-karettun. Meta ra l-ġebla gerger tnejn, għadda mkaxkar u baqa' sejjer. Inzerta li miegħu kellu wieħed li kien barrani u ried jinżel minn fuq il-karettun biex iwarrab il-ġebla min-nofs. "Għaliex għandek tinżel int?!" qallu r-raġel tal-karettun. "Dak mhux xogħolna, dak il-gvern għandu jneħħiha."

Wara dan għadda suldat fuq iż-żiemel u meta kien għaddej minn hemm iż-żiemel barax siequ mal-ġebla. Is-suldat irrabja kemm felaħ kontra l-gvern u baqa' sejjer. Warajh għadda ieħor fuq ir-rota u qal waħdu: "Issa m'għandix aptit inħammeġ idejja biex inwarrab il-ġebel min-nofs, dan ix-xogħol nagħmlu jien u ġej lura mit-teatrin."

Qabel ma dak tar-rota ġie lura, għadda minn hemm gabillott u ra l-ġebla. Qiegħed fil-ġenb l-ixkora tal-ħaxix li kien qiegħed iġorr u talab lil wieħed li nzerta kien għaddej minn hemm biex jgħinu jwarrab il-ġebla min-nofs. "Jien surmast tal-iskola. Jien naħdem b'moħħi u mhux b'idejja," kienet it-tweġiba li tah u baqa' sejjer. Il-gabillott tbaxxa biex jipprova jċaqlaqha waħdu. Uża saħħtu kollha u rnexxielu jaqleb il-ġebla billi jirrumblaha u jqiegħdha mal-ħajt.

Imma x'kien il-għaġeb tiegħu meta taħt il-ġebla sab borża mimlija flus, u fuqha miktubin dawn il-kelmiet: "Rigal mingħand ir-re għal min iwarrab minn nofs din il-ġebla."

Il-gabillott ħassu ferħan se jtir u qal lil kulħadd b'li kien ġralu. Ħafna nies bdew jieqfu u jneħħu l-affarijiet min-nofs bil-ħsieb li huma wkoll forsi jsibu xi rigal. Meta għadda ftit taż-żmien, in-nies bdiet tidra tieqaf u tieħu gost tgħin lill-oħrajn.

Mhux bilfors għandek tirċievi xi rigal materjali għal dak li tkun għamilt. Hija ħaġa tajba li tħoss is-sodisfazzjon li tkun għent lil xi ħadd – u dak huwa diġa` ħlas.

(Addattata minn 'Ħa Ngħidilkom Storja' ta' Emma Camilleri)

**TMIEM IS-SILTA**